# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 62/2002GT(GM)

**Mallia Property & Developments Company Limited**

**vs**

**Emanuel Mercieca**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi store fi Triq Mgarr, Victoria, Ghawdex.**

**Illi l-konvenut xtara minghandha diversi konsenju ta' qatran u kif ukoll mutur tal-winch.**

**Illi ghadu dovut mill-konvenut is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm525.10).**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut qed jirrifjuta li jhallsu dan l-ammont.**

**Illi s-socjeta' attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra interpellatorja spedita fit-22 ta' April 2002."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-5 ta' Gunju 2002 u dik tal-lum;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal**

**jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm525.10) bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tat-22 t'April 2002 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**